# 1,600 Siegħa Ħidma

## *Intervista ma': Godwin Azzopardi il-mastrudaxxa tal-Bradella u l-Bankun*

Kitba ta' Dr. John A. Agius

1,600 siegħa ħidma.

Fuq ġimgħa xogħol ta' erbgħin siegħa, qed ngħidu mal-erbgħin ġimgħa sħaħ xogħol.

Daqshekk ħadet xogħol biex tlestiet l-istruttura tal-Bankun u l-Bradella l-ġodda.

Minn hemm beda Godwin. Minn hemm tibda l-Bradella u l-Bankun għalih. Sempliċi kalkolu ta' ħin li mal-ewwel jagħtik indikazzjoni ta' x'qed ngħidu.

Ftit punti prattiċi għax Godwin raġel prattiku. Għalkollox differenti minn Renzo, l-artist. Godwin hu l-artiġġjan, il-ħaddiem li ried jgħaġġen il-ħolm ta' Renzo f'forom solidi fl-injam. Fejn il-lapes ta' Renzo ħażżeż deliranti iggavdjar u injam serpentin b'pannelli li bħal widien tal-ilma jiġru matul din il-Bradella, Godwin ried ifassal, jaqta' u jġannat. Bħal inġiener hu ried jikkalkula u jkejjel l-istruttura u jsawwar propozzjonijiet. L-organiku neo-klassiku ta' Renzo ried jieħu forma fil-ġewż biex id-disinn sublimi jibda jgħix fid-dimesjoni reali.





Il-Mastrudaxxa Godwin Azzopardi

Riedni nifhem is-sengħa tiegħu, għax hu dik is-sengħa uża bħala l-għola espressjoni ta' xogħolu biex tlesta dan il-proġett.

Godwin qatt ma ħadem bradelli jew opri sagri. Għandu esperjenza kbira fil-bini t'għamajjar u jaħdem mill-qrib mal-kapriċċi ta' disinjaturi, iżda qatt ma ħolom li jaħdem bankun u bradella. Meta avviċinah il-benefattur Raymond Grima u tkellmu fuq il-kummissjoni ta' bradella, Godwin instaram. Ma ħassx li kienet ħobżu. Iżda lil Grima ma tgħidlux le kif ġib u laħaq. Grima kien ċert li Godwin kien l-mastrudaxxa ideali.

"Għażilt li nagħmilha għax kont naf li din okkażjoni ta' darba. Tagħmilha għall-gost li tagħmilha".

Renzo Gauci wegħdu li jgħinu, u minn hawn bdiet ħbieberija bejn dawn it-tliet personaġġi fi storja ħelwa ta' proġett ambizzjuż. Il-Kommissjonant, l-Iskultur u l-Mastrudaxxa. Kważi tinħass bħal ħrafa għat-tfal bi storja ta' seħer u faxxinu remot. Din ir-rabta soda bejn dawn it-tlett irġiel hi l-qafas ta' kif inbniet din l-opra sagra fejn il-kariżma ta' bejniethom għamlet possibbli l-qbiż t'ostakli kbar fil-ħidma prattika tagħha.

U bdew.

Godwin spjegali kif l-akbar diffikultajiet ġew mill-ħolqien ta' ġnub imżerżqa, li jiggavdaw sa taħt il-kuruna solida li fuqha tistrieħ l-bradella minn taħt. M'hemm l-ebda xaqq jidher meta l-Bankun jingħaqad b'erba' faċċati bħall-enigma tat-Turandot. Kollox jintrabat bi ftit pinnijiet, iżda illużjoni ottika bint l-inġenjuż ma tħalli l-ebda xaqq jidher. Dan ikompli jżied il-faxxinu bla qies fil-ħsieb kreattiv wara din l-opra.

Godwin tbissem u qalli: "Qattajt Ħdud sħaħ sad-disgħa ta' billejl hawn fil-garaxx. Kont irrid inkun

waħdi biex moħħi jsib tarf xi kobba imħabbla. Waħdi bla lavranti u ġlied mal-mara!"

Ir-rispett lejn l-Arti ta' Renzo timpressjonak. Hi ċara li dan il-proġett seta' jkun possibbli għax l-ingranaġġ bejn dawn l-irġiel kien bħall-arloġġ tal-Imqabbi Mikelanġ Sapiano. Kienu jsolvu d-dilemmi ta' xulxin, wieħed jagħti faraġ lil ieħor. Wieħed jimla l-lakuna tal-ieħor.

Kien proġett ta' *problem solving* kostanti għax dan il-proġett ħadhom f'territorji ġodda fl-arti u s-sengħa tagħhom.

Kellimni fuq it-tipi ta' ġewż u bħal Renzo prova jiddeskrivi kif il-Bankun jimrah u jmewweġ.



"Ħa tkun qisha dejjem imtajjra allavolja fiha dak il-materjal kollu".

Staqsejtu kif jħares lejn il-Vara ta' Santa Marija u l-istess bħal waqaf jfittex il-kliem.



*"Sabiħa wisq"*

Qalli li impressjonatu li tidher daqshekk ħafifa iżda meta hu li kien jaħdem ta' burnar u allura jaf sew x'inhu piż, prova jerfagħha meta marru għal qisien tal-bażamenti tagħha, hu stqarr li ħassa tqila immens.

Wara qalli, "Sabiħa wisq".

Minn raġel ta' ftit kliem u ħafna fatti dak il-vers jissarraf f'sunett sħiħ ta' tifħir.

Kellimni fuq is-sistema ta' *hydraulic* li ser jerfa' lil Marie sabiex jiddaħħlu l-lasti biex toħroġ iddur mar-Raħal tagħha. Qalli li ħallewha b'erba' lasti, tintrefa' b'mod tradizzjonali b'tmien reffiegħa.

Spjegali li mhux ser ikollha *remote-controls* għax xtaqu jippriservaw ċerta manwalità *vecchia manniera* fiha.

Tani aktar statistika fuq piż. Qalli li bdew bi tmien roti fejn kull rota ġġor 200 kilos. Biex jitnaqqas ir-riskju, żdiedu tmien roti oħra.



Il-vara, il-qabar u l-bradella u l-bankun jduru fuq sittax il-rota moħbija fit-tarġa t'isfel...

Il-Kburija lejn xogħolu u s-sengħa tiegħu komplew jfiġġu mir-rakkonti kif kien jimmaniġġja l-piż tal-faċċati waħdu bil-winċ.

L-użu ta' kliem ħelu għall-widna bħal "inglettar" u "tfellel".

Is-sbuħija ta' rakkonti kif kien jagħmel mudelli proviżorji għall-partijiet fil-bronż biex ma jitkabarx il-ġewż.

U kif l-ingletti tal-kuruna ta' taħt il-bradella jkomplu kollha minn injama waħda.

U kif biex inħaddmu l-gwarniċuni li saru kollha bl-id minn idejn Renzo minn tavlun tal-ġewż Amerikan ta' għaxar piedi tul u pulzier u nofs ħxuna u għaxar pulzieri wiesa'...

Jekk l-ebanisti tar-Reġina Marie Antoinette kienu rinomati għall-armonija u l-perfezzjoni, żgur li kienu jifhmu sew il-lingwaġġ ta' qalb Godwin, fejn il-bravura ta' xogħolu tinħeba biex jagħti d-dritta lil Kommissjonant u lill-Artist "bl-Istil tiegħu". Hekk hi l-irġulija u hekk biss tgħarraf il-kobor fil-ħsieb ta' raġel fuq l-irġiel, umli u bieżel.

Reġa' fakkarni qabel tlaqt, "Ħdimna sew għax amalgmajna".